MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 167/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom nhar is-7 ta’ Mejju 2003, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja originali tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieled il-minuri EF, illi twieled nhar l-24 ta’ Gunju 2004 u dana skont ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid relattiv illi kopja originali tieghu qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok C;

Illi l-partijiet isseparaw personalment minn xulxin permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat 23 ta' Mejju 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Rueben Debono, illi kopja awtentikata tieghu qeghda tigi hawn annessa esebita u mmarkata bhala Dok D, u ghalhekk huma ilhom separati legalment minn xulxin ghal aktar minn erba' snin skont kif mehtieg mil-Ligi;

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhalma ilhom issa ghal snin twal, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejniethom (Dok. D), il-partijet kienu qablu dwar is-sigwenti;

- Permezz tal-klawsola numru 2, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament u irrevokabbilment ghal kull dritt illi jircievu manteniment ghalihom personali minghand xulxin u ghalhekk m'hemm l-ebda manteniment dovut bejniethom;
- Permezz tal-klawsola numru 10, l-esponenti Philip Caruana obbliga ruhu illi jhallas lill-esponenti Lena Kristina sive Lenah Caruana s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fix-xahar bhala manteniment ghall-iben minuri tal-partijiet, liema manteniment jizdied minn sena ghall-ohra skont l-indici tal-gholi tal-hajja;
- Permezz tal-klawsola numru 11, il-partijiet qablu illi l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri jigu inkorsi miz-zewg partijiet f'ishma ugwali bejniethom;

Illi l-esponenti Lena Kristina sive Lenah Caruana tiddikjara illi l-esponenti Philip Caruana dejjem hallas il-manteniment ghal ibnu minuri skont kif huwa obbligat illi jaghmel ai termini tal-klawsola 10 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali (Dok. D);

Inoltre l-partijiet jiddikjaraw illi huma dejjem onoraw l-obbligu taghhom ai termini tal-Klawsola 11 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali (Dok. D) u ghalhekk m'hemm ebda pendenza bejniethom dwar il-manteniment ta' binhom minuri;

Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-7 ta' Mejju 2003, ai termini ta' l-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-termini ffissat minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Mejju, 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------